# L-Oqbra tax-Xagħra ta' Santa Duminka

**Keith Buhagiar** M.A. (Arch.)

Sa ftit għexieren ta' snin ilu, ix-Xagħra ta' Santa Duminka kienet medda t'art xagħri f'xifer it-territorju parrokkjali tal-Kalkara u ftit 'il bogħod miċ-Ċimiterju Militari tal-Kapuċċini. Illum din l-art ġiet inkluża u żviluppata f' *housing estate*, u hi ħasra kbira li grupp ta' oqbra żgħar, iżda ta' importanza kbira arkejoloġika ġew inklużi f'dan it-tkabbir. Il-fdalijiet ġew iddatati għall-ħames u s-sitt seklu wara Kristu. L-art in kwestjoni (GR 584 714) għandha għoli ta' 150 pied fuq il-livell tal-baħar u tinsab fuq formazzjoni ġeoloġika tat-tip tal-qawwi t'isfel li b'mod tekniku hi magħrufa aħjar bħala 'Il-Mara Member'.

Kien f'Ġunju 1980 li s-Sur Angelo Dougall ġab għall-attenzjoni tal-Professur Mario Buhagiar l-eżistenza ta' dawn il-fdalijiet. Meta ġie spezzjonat is-sit, instab li kien hemm erbgħa jew ħames oqbra żgħar. Kważi kollha kienu mimlija b'għadd kbir ta' ġebel u ħamrija. Katakombi wieħed biss seta' jiġi nvestigat, ippjantat u studjat.

Qabel ma tissemma' l-importanza ta' dawn il-fdalijiet u tingħata deskrizzjoni tagħhom, meħtieġ li tiġi ċċarata t-tifsira tal-kliem 'oqbra' u 'katakombi'. Għall-kuntrarju ta' dak li ħafna jaħsbu, oqbra u katakombi kienu biss spazji mħaffra fil-blat, fejn kienu jindifnu kemm Kristjani, Pagani u anke Lhud. Dawn qatt ma kienu jintużaw bħala post ta' refuġju fejn l-ewwel insara kienu jistkennu u jistaħbew waqt żmien ta' persekuzzjoni.

F'Malta nsibu diversi kumplessi ta' katakombi. L-akbar konċentrazzjoni tinstab eżatt barra l-konfini tal-belt Rumana ta' Melite, li bejn wieħed u ieħor tkopri l-medda ta' art mill-Imdina sal-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat. Il-Katakombi ta' San Pawl huma l-akbar kumpless ċimiterjali ta' dan it-tip fil-gżejjer Maltin, u huma mifruxa fuq medda ta' madwar 2166 metru kwadru. Dawn il-kumplessi ċimiterjali huma magħmula minn għadd ta' katakombi żgħar li ġew imniffdin ma' xulxin biex ħolqu spazju ferm akbar. Katakombi li jinsabu fil-parti rurali ta' Malta huma ferm iżgħar fid-daqs minn dawk tar-Rabat. It-terminu 'oqbra tal-familja' hija ferm aktar addattata biex tiddeskrivi dawn l-ispazji ta' dfin. Il-grupp ta' oqbra li jinsabu fix-Xagħra ta' Santa Duminka huma ta' dan it-tip. Il-preżenza ta' dawn il-fdalijiet turi li fiż-żmien Ruman tardiv x'aktarx kien hemm komunità żgħira ta' nies tgħix f'dawn l-inħawi. Wieħed ta' min iżomm ukoll f'moħħu li ħafna minn dawn l-oqbra kienu ġa ġew skoperti fil-passat remot. Hu minħabba f'hekk li ħafna drabi qabar li jinstab b'mod aċċidentali jkun ġa mbattal mill-kontenut oriġinali tiegħu.

## Deskrizzjoni tal-Fdalijiet

L-uniku kumpless ċimiterjali li ġie nvestigat fix-Xagħra ta' Santa Duminka ġie stilistikament datat għaż-żmien Paleokristjan, jiġifieri l-ħames u s-sitt seklu wara Kristu. Ħofra rettangolari 'a' fonda 84 ċentimetru twassal għall-kamra rettangolari 'b'. Din tagħti l-aċċess għal tliet *window-tombs*, 1-2-3. *Window-tombs* huma tip ta' oqbra li x'aktarx jinstabu biss f'Malta. Ġew mogħtija dan l-isem għax id-daħla għall-qabar għandha forma rettangolari u hi identika għal tieqa. Din tagħti l-aċċess għal kamra ovali b'saqaf baxx ġo fejn kien jitpoġġa l-ġisem tal-mejjet. F'tarf wieħed ta' dan it-tip ta' qabar ħafna drabi kont issib bħal imħadda maqtugħa fil-blat. Imnaqqxa fl-imħadda kien ikun hemm *head-rest* - post fejn titpoġġa r-ras tal-mejjet. In-numru tal-*head-rests* kien jindika kemm il-persuna kienu jkunu midfunin f'qabar wieħed. Il-kamra mortwarja ma kenitx tkun dekorata u kien ikollha biss niċċa fejn jitpoġġa xi fuħħar. Kien ikun hemm ukoll post fejn jitpoġġa musbieħ taż-żejt biex idawwal dan l-ispazju waqt li qed issir id-difna. L-aċċess għal kull *window-tomb* kien ikun magħluq permezz ta' blata kbira li kienet tkun imkaħħla fil-post wara li ssir id-difna.




*Il-vleġġa turi l-post approssimattiv fejn kienu jinsabu l-oqbra tax-Xagħra ta' Santa Duminka.*




*Qabar tal-familja fl-oqbra tax-Xagħra ta' Santa Duminka, Kalkara*

Qabar '1'għandu żewġ *head-rests*, niċċa fejn jitqiegħed xi fuħħar u tinqix fil-ħajt ta' forma piramidali fejn jitpoġġa' musbieħ. L-istess jista' jingħad fuq qabar '2'. Il-post fejn jitpoġġa' l-musbieħ hu ta' forma semi-ċirkulari. L-entratura forma ta' tieqa li tagħti l-aċċess għal dan il-qabar ġiet imkabbra f'xi żmien aktar riċenti. Kolonna maqtugħa fil-blat fuq in-naħa tax-xellug tal-*window-tomb* hi 58 ċentimetru għolja u tikkonsisti f'pilastru dekorat b'linji fini u għandha bażi u kaptell.

Ix-xogħol f'qabar '3' qatt ma ġie komplut. Il-pjanta ta' din il-qabar ġiet mibdula meta f'wieħed mill-ħitan tħaffer l-aċċess għal qabar '4'. Qabar '4' x'aktarx li jirrappreżenta l-aħħar fażi ta' żvilupp f'dan il-katakombi żgħir. Minn ġewwa l-qabar hu simili ħafna għal oqbra '1' u '2'.

L-entratura ta' qabar '3' hi ta' importanza kbira. Din kienet ġiet imkabbra b'mod sostanzjali f'xi żmien mhux magħruf, iżda l-kolonna tan-naħa tax-xellug tad-daħla tal-qabar ma ntmessitx. L-ispazju ta' bejn id-daħla tal-qabar u s-saqaf ta' 'b' hu dekorat b'arzella u fin-nofs tagħha hemm minquxa forma ta' figura umana bl-idejn mgħollija. L-arzella, jew kif inhi magħrufa aħjar bl-Ingliż, *scallop-shell motif* kienet ta' sikwit tintuża fid-dekorazzjoni ta' oqbra Palejokristjani. Madanakollu, dan hu l-uniku każ fejn imnaqqxa ġo fiha nsibu rappreżentazzjoni tal-figura umana. L-interpretazzjoni u t-tifsira ta' din ir-rappreżentazzjoni antropomorfika hi waħda diffiċli. Ġie ssuġġerit mill-Professur Mario Buhagiar li din tista' tissimbolizza *orant figure* għax tixbah persuna qed titlob. L-ikonografija ta' *orant figure* li tikkonsisti f'figura umana bl-idejn mgħollija, kienet pjuttost komuni f'kuntest funerarju fil-perjodu Kristjan bikri. L-*orant figure* hi maħsuba li tirrappreżenta r-ruħ fil-ġenna.

## Konklużjonijiet

Il-katakombi tax-Xagħra ta' Santa Duminka huma, flimkien ma' xi ftit oħrajn, differenti għal kollox mill-bqija ta' l-oqbra Paleokristjani l-oħra li għandna f'Malta minħabba livell aktar għoli ta' lavur u dekorazzjoni artistika li tinsab fihom. Hi ħasra kbira li katakombi wieħed biss minn dan il-grupp ta' erbgħa jew ħamsa ġie studjat. Ħasra ħafna ikbar hu l-fatt li dawn il-katakombi u l-kuntest naturali u ġejografiku li fih dawn kienu jinstabu ġew meqruda ftit wara s-sejba tagħhom. Hi t-tama ta' l-awtur li artikli ta' informazzjoni bħal dan, ikunu għodda li permezz tagħhom titqajjem aktar kuxjenza dwar il-wirt arkejoloġiku tal-gżejjer Maltin u l-importanza li dan jiġi mħares u ppreservat.




*Qabar tal-Familja fl-oqbra tax-Xagħra ta' Santa Duminka, Sezzjoni AA. Tidher l-entratura tal-qabar.*

Keith Buhagiar huwa student għad-dottorat fl-Arkeoloġija. Il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tiegħu jinsab fil-postijiet tal-għajxien rurali medjevali, u is-sitema ta' tisqija relattiva.

## Referenzi

M. Buhagiar, 'The Xaghra Ta' Santa Duminka Hypogea: Some Reflections on Maltese Palaeochristian Art', in *Proceedings of History Week 1982*, pp. 53-8.

M. Buhagiar, *Late Roman and Byzantine Catacombs and Related Burial Places in the Maltese Islands*, BAR International Series 303, (Oxford, 1986).

M. Buhagiar, 'Christian Catacombs, Cult Centres and Churches in Malta to 1530', (unpublished doctoral thesis, University of London, 1993).

M. Buhagiar, 'The Maltese Palaeochristian Hypogea – A Reassessment of the Archaeological, Iconographic and Epigraphic Source Material', in *Collected Papers published on the occasion of the Collegium Melitense Quatercentenary Celebrations (1592 – 1992)*, (Malta, 1993), pp. 133-202.

Geological Map of the Maltese Islands, Sheet 1, Scale 1:25,000, resurveyed by M. H. Pedley, Published by the Oil Expolartion Directorate, Office of the Prime Minister, Malta, 1993.




*Il-figura tal-'orant' fl-arzella, daħla għall-qabar 3.*